**Qorti tal-Appell Kriminali**

**(Sede Inferjuri)**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 497/2013**

**Il-Pulizija**

**(Supt. Carmelo Magri)**

**vs**

**Lawrence Attard**

iben Carmel, imwieled Rabat, Ghawdex, fl-10 ta' April, 1964, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 15064(G)

Illum, l-Erbgha 06 ta' Jannar 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Lawrence Attard quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999, u f'dawn l-ahhar xhur qabel din id-data:

> a. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna jew persuni jew ghall-użu ta' persuna jew persuni mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, u mingħajr ma kien awtoriżżat mir-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi

awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizżazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat illi jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Oridnanza dwar il-Medicini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizżat illi jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-użu tieghu skont ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar Kontroll Intern ta' Drogi Perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tiegħu f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali esklussiv tiegħu;

c. U aktar talli f'xi ħin fil-lejl ta' bejn l-1 u t-2 ta' Ottubru, 1999, fil-Gzira, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna l-mewt ta' Theresa Agius, mir-Raħal Gdid;

d. U aktar talli huwa reċidiv ai termini tal-Artikoli 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; Regolament 4 tal-1939 u l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; GN 292/1939; Regolament 9 tal-AL101.2002; l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkkundannatu ghal piena karcerarja ta' sitt (6) snin, u ghal multa ta' ghaxart elef Ewro (€10,000). Rat ukoll l-

Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u kkundannatu jħallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal €958.61.

Rat ir-rikors tal-appellant Lawrence Attard tal-14 ta' Novembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha u tillibera lill-appellant mill-akkużi dedotti kontra tiegħu u fin-nuqqas tapplika piena inqas harxa fiċ-ċirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ddeduċiet konkluzjonijiet zbaljati meta waslet biex anke toqghod taghmel matematika fuq dak li kien dubbjuz anke dwar somma li suppost kellu Attard , l-appellant dak in-nhar ta' l-1-2 ta' Ottubru 1999, li suppost huwa biegh droga lill-istess Agius meta kienet l-istess Filippa Chircop li qalet fuq LM 40 li ma tiftakar xejn[1];

2. Illi hemm konflitt serju bejn l-versjonijiet kemm ta' l-istess Filippa Chircop u l-istess Pawlu Micallef u dan l-Qorti xorta waslet ghall-konkluzjoni ta' htija fil-konfront tal-appellant meta naqset li tiehu in kunsiderazzjoni cirkostanzi li sehhew fil-jum tal-l ta' Ottubru 1999 u l-jum ta wara;

3. Illi anke mil-ezami forensiku u l-post mortem tal-istess Therese Agius ma kienx hemm ebda konkluzjoni li b'xi mod setghat torbot lill-istess appellant ma tehid tal-istess droga amministrata lilha minn Azzopardi iz-zikizok;

4. Illi l-Qorti wkoll naqset li tara l-fatt li fl-ebda mument ma Filippa Chircop ikkoroborat ix-xhieda tal-istess Pawlu Micallef u dan kif indikat fl-istess nota ta' osservazzjonijiet tad-difiza prezentata fil-mori ta' dawn il-proceduri;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Qorti wkoll ghamlet apprezzament legali zbaljata dwar d-dewmien ta' dawn il-proceduri meta dawn il-proceduri li bdew fl-1999 u liema kaz gie deciz 14 il-sena wara , qalet fis-sentenza taghha li *" ikkunsidrat iz-zmien twil illi hliet id-difiza biex resqet il-provi kemm xejn skarsi taghha "*, meta il-Qorti wkoll

[1] U dan b'referenza ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti f'pagna 21 tas-sentenza meta qalet li "jikkonferma Micallef illi Theresa qaltlu li kienet xtrat droga dakinhar minghand l-imputat, tliet pakketti eroina versu LM 10 il-pakkett.Mela hawn Attard qala LM 30 minghand Pawlu Micallef qala Micallef ghax Micallef xtara biss pakkett wiehed. Allura Attard gie qala LM 40. Dan tikkonfermah Filippa Chirchop skont dak li qalliha l-imputat.

taf li l-prosekuzzjoni damet sas-sena 2006 u precizament sal-21 ta' Gunju 2006 meta sar il-verbal li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi(ara fol 536), u ghalhekk ma haditx dan in kusiderazzjoni ai fini ta' piena kif indikata fil-kawza Ebcin vs Turkey[2] u wkoll dak li qalet l-istess Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza ir-Repubblika ta' Malta vs omissis Anthony Felice omissis[3], li johrog il-principju li l-Qorti ghandha taghmel mitigazzjoni fil-piena minhabba trapass taz-zmien;

6. Salv eċċezjonijiet ohra.

Rat r-risposta tal-appell ipprezentata mill-Avukat Generali fl-04 ta' Marzu 2014.

Rat it-trattazzjoni magħmula quddiem din il-Qorti kif diversament ppresjeduta.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar 2019 fejn is-sentenza ta'l-Ewwel Qorti ġiet annullata u ġie ordnat is-smigħ mill-gdid tal-kaz fit-termini ta'l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni mill-ġdid.

Ikkunsidrat,

Illi l-*iter* proċesswali li segwa dan il-każ taħt il-lenti tal-Qorti kien wieħed pjuttost twil bil-mewt tal-vittma ċertu Therese Aġius iseħħ fil-lejl ta' bejn l-1 u it-2 ta' Ottubru 1999, wiehed u għoxrin sena ilu. L-appellant iressaq ilment quddiem il-Qorti Kostituzzjonali f'zewg okkażżjonijiet minħabba fid-dewmien

---

[2] Ara ECHR 1 ta' Frar 2011 ( application n 19506/05)

[3] Deciza fid-9 ta' Ottubru 2003

u jingħata raġun u għalkemm il-Qorti Kostituzzjonali fl-ewwel sentenza tagħha idderiġiet lil Qorti tal-Magistrati sabiex tara li l-każ jigi konkluż mill-iktar fis u dan lura fis-sena 2004, l-Ewwel Qorti tgħaddi ghas-sentenza finali biss fil-05 ta' Novembru 2013, liema sentenza sussegwentement ġiet annullata sabiex b'hekk din il-Qorti illum ser tgħaddi biex tiddeċiedi il-każ mill-ġdid.

L-appellant lura fit-3 ta' Novembru 1999 jiġi mressaq bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzat b'reat ta' pussess aggravat u traffikar ta' droga, kif ukoll mixli bl-omiċidju involontarju ta' ċerta Therese Agius, tfajla ta' għoxrin sena li mietet kaġun ta' *overdose* ta' droga erojina, li allegatament ġiet lilha ipprokurata mill-appellant. Din id-droga sussegwentement ġiet somministrata lil Aġius minn ċertu Joseph Azzopardi li gie mixli bil-qtil tagħha u misjub ħati mill-Qorti Kriminali, liema sejbien ta' ħtija giet sussegwentement ikkonfermata minn din il-Qorti fis-sede superjuri tagħha[4]. L-appellant jiċħad li kien hu li pprokura id-droga lil Aġius f'dik il-lejla fatali u inoltre jinsisti illi ma ġiex stabbilit ness bejn il-kawza tal-mewt ta' Aġius u t-teħid ta' droga erojina u dan għaliex il-kadavru ta' Aġius ġie mtella' mill-baħar jiem wara id-deċess, kien fi stat avvanzat ta' dekomposizzjoni u ma setax jiġi stabbilit b'ċertezza illi hija kienet mietet minħabba *overdose* ta' droga. Mhux biss, iżda jikkontendi illi l-uniċi żewġ xhieda li jippuntaw subajgħhom lejh huma Filippa Chircop, li f'dak iż-żmien kienet is-sieħba tiegħu u certu Pawlu Micallef magħruf bhala il-'*bodybuilder*' li, fil-fehma tieghu, jikkontradixxu lil xulxin fix-xiehda tagħhom u għalhekk hija nieqsa dik il-korroborazzjoni li isaħħaħ dak li igħidu.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami tal-atti processwali temerġi stampa fejn kien hemm l-involviment ta' diversi nies midħla tal-ħajja ta' kriminalita' b'abbuz ta' droga u prostituzzjoni jkunu fuq ta' quddiem fl-attivitajiet gornaljieri tagħhom. L-

[4] Ara sentenza App. Sup.Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Azzopardi deċiża 03/10/2018

appellant kien midħla sew ta' dan l-ambjent ġewwa l-Gżira u tan-nies kollha involuti, kif joħroġ ċar mix-xiehda tiegħu meta huwa għażel li jixhed quddiem l-Ewwel Qorti. Jidher fuq kollox illi l-appartament fejn kienet tirrisjedi Filippa Chircop kien il-post minn fejn setgħet tiġi prokurata d-droga u fejn ukoll kienu jirrikorru dawn in-nies fosthom il-mejta Theresa Aġius biex jabbuzaw minn dawn is-sustanzi stupefaċjenti. Illi dak li seħħ fil-lejl bejn l-1 u it-2 ta' Ottubru 1999 ma jidhirx li kien wisq differenti minn dak li kien jiġri solitament, għajr għall-fatt illi persuna spiċċat tilfet ħajjitha kaġun tal-abbuż ta' droga. Illi mill-provi li jemerġu mill-atti l-Qorti ma għandha ebda dubbju illi Aġius irrikorriet ghand l-imputat u Chircop biex dawn jipprovduha bid-droga. F'dik il-lejla, iżda, jidher li kien l-appellant li ghaddhielha din id-droga. Fil-fatt, kuntrarjament ghal dak li jisħaq l-appellant, mix-xiehda kemm ta' Paul Micallef kif ukoll ta' Filippa Chircop, kien l-appellant li l-ewwel ghadda tlett pakketti erojina lil Aġius u aktar tard ghadda pakkett iehor lil Paul Micallef.

L-appellant fix-xiehda tieghu, kemm dik mogħtija quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll dik mogħtija fil-guri ta' Joseph Azzopardi magħruf bhala iz-Zikizokk, liema xhieda tinsab eżebita in atti, ipinġi xenarju tal-ħajja tiegħu ma' Chircop fejn ta' kuljum kienet tgħaddi d-droga minn dan l-appartament. L-appellant jiftakar id-dettalji kollha marbuta ma' din il-ħajja ta' kriminalita' u ta' dak li kien iseħħ. Jaf li Agius kienet tiffrekwenta lil certu Silvio Buttiġieġ u li meta dan daħal il-ħabs bdiet tiffrekwenta lil Paul Micallef u lil Azzopardi. Dan saħanistra jiġi kkonfermat mill-ġenituri ta'l-istess Aġius, ommha Mary u missierha Carmel. Fuq dan il-fatt jaqqblu ix-xhieda kollha li ddeponew. Jirriżulta ukoll illi mhux l-ewwel draba li Aġius kienet tinqeda mill-appartament fejn l-appellant kien jirrisjedi ma' Chircop u li anke abbużat mid-droga f'dan l-appartament. Jiċħad biss l-appellant illi kien hu li pprokura d-droga lil Aġius f'dik il-lejla. Diversi xhieda jikkonfermaw dak li jistqarr Paul Micallef illi Aġius ma kenitx taf tissomministra d-droga lilha innfisha u kien iz-Zikizokk illi fl-ahhar jiem ta' ħajjitha kien jinjettalha d-droga erojina.

Illi għalhekk għalkemm l-appellant jinnega li kien hu li pprovda d-droga lil Aġius u lil Micallef, madanakollu din l-affermazzjoni ma hijiex sostanzjata minnu u l-provi kollha l-oħra li hemm fl-atti jippuntaw fid-direzzjoni l-opposta. Paul Micallef, li illum huwa mejjet, fix-xiehda tiegħu jagħti verżjoni dettaljata dwar l-avvenimenti kif svolġew u li wasslu ghal mewt ta' Aġius. Igħid li f'dik il-lejla huwa kien iltaqa' ma Aġius li kienet qaltlu li kienet akkwistat id-droga minn għand l-appellant. Fil-fatt wara li tgħidlu dan id-diskors huwa jerħilha lejn l-appartament ta' Chircop fejn hemm isib lill-appellant li igħaddielu pakkett erojina għal prezz ta' Lm10. Chircop minn naħa tagħha tikkonferma illi hija rat lill-appellant iġib pakkett droga erojina mill-komodina fejn is-sodda sabiex igħaddieh lil Micallef. L-appellant jistqarr magħha li f'dik il-lejla kien biegħ erba' pakketti droga, tlieta lil Aġius u wieħed lil Paul Micallef. Wara dan Micallef flimkien ma' Aġius u Azzopardi jabbużaw mid-droga flimkien. Micallef jistqarr ukoll illi Aġius kienet inġerit il-pilloli *Dalmain*, li huwa kalmant, qabel ma ġiet injettata bid-droga minn Azzopardi u li huwa kien wissa lil Azzopardi qabel ma injettaha bid-droga illi dan kien ser ikun ta' periklu ghal Aġius billi l-effetti tad-*Dalmain* flimkien mal-erojina setgħu jkunu fatali. Azzopardi jinorah u jissomministra d-droga lil Aġius li mal-ewwel tintilef minn sensieha u taqa' mal-art.

Korroborazzjoni tax-xiehda ta' Micallef u tax-xhieda l-oħra li iddeponew, fuq kollox toħrog mill-provi forensiċi li hija l-aħħar ħolqa f'dina l-katina li wasslet ghad-deċess ta' Aġius. Issa l-appellant jishaq illi il-kawza tal-mewt ta' Aġius qatt ma seta' jiġi stabbilit minħabba li l-kadavru kien fi stat avvanzat ta' dekomposizzjoni meta ittella' mill-bahar. Illi ezami tal-kawza tal-mewt ta' Agius ġiet tajjeb esposta fis-sentenza r-Repubblika ta' Malta vs Joseph Azzopardi u li din il-Qorti qed taghmilha taghha:

> **'.... minn ezamijiet forensici ohra li saru, ghalkemm kif inghad kien hemm dekomposizzjoni avvanzata oltre ghal fatt illi l-kadavru kien gie mikul mill-hlejjaq tal-bahar, seta' jigi konstata minn "*detailed dissection tal-vini superficjali tal-estremitajiet superjuri*" illi "*kien hemm evidenza ta' puntura friska fuq wahda mill-vini***

***superficjali fuq id-dorsum tal-pala tal-id ix-xellugija.*[5]" Abbinat ma' dan, ir-rapport tal-espert tossikologu Michael Scott-ham jindika illi mill-ezamijiet li ghamel kien hemm l-presenza gholja ta' morfina/*morphine glucoronide* fil-kampjun tal-fwied tal-kadavru, "*liema morfina hija rizultat tal-breakdown tal-erojina fil-gisem u din il-morfina tifforma morphine glucoronide in kombinazzjoni ma' sustanza fil-gisem*[6]". Fil-fatt l-espert Michael Scott-ham ighid hekk fir-rapport tieghu:**

***"The overall results show that Therese Agius had used or been administered morphine and/or heroine at some time prior to her death but it is not possible from the analysis alone to say exactly when."***

**66. Ghalhekk l-istess sustanza illi Micallef jikkontendi li giet somministrata mill-akkuzat lill-Agius ftit minuti qabel mietet. Gie eskluz ukoll mill-ezamijiet forensici illi l-vittma setghet giet mitfugha il-bahar meta kienet ghadha hajja u dan mir-rapport tal-Professur espert fil-*marine biology* Dr. Victor Axiaq. Dan ghaliex, fil-fehma tal-espert, ma kienx hemm il-presenza ta' diatomi[7] fil-kampjuni tal-mudullun jew tal-kliwi tal-kadavru li allura kien ikun indikattiv illi l-vittma kienet ingeriet l-ilma fis-sistema taghha qabel il-mewt. Mhux biss, izda ghalkemm il-kadavru gie marbut sewwa b'habel qabel ma ntefa' l-bahar, fil-fehma tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri, il-presenza ta' *hypostasis*[8] fuq l-aspett posterjuri tal-kadavru kien indikattiv illi din kienet mejta, fl-ewwel lok ftit sighat qabel ma ntrabtet ghaliex altrimenti dan l-ezercizzju kien jkun impossibli billi saghtejn wara l-mewt jidhol fis-sehh'l hekk imsejjah *rigor mortis* fil-kadavru, u ukoll illi l-kadavru ghamel xi zmien mimdud fuq dahru qabel intefa' l-bahar biex b'hekk irrizultat l-*hypostasis* imsemmija.'**

[5] Ara rapport Dr. Mario Scerri

[6] Ara rapport Dr. Mario Scerri

[7] "diatomi huma hlejjaq u pjanti mikroskopici li insibuhom f'wicc l-ibhra u ilmijiet ohra. .....L-uzu ta' dawn id-diatomi bhala evidenza ghal mewta b'gharqa hi bbazata fuq l-ipotesi li jekk vittma tkun ghadha hajja waqt li tkun fil-bahar, allura din tibla hafna ilma kemm fl-istonku u anke fil-pulmun. Jekk isibu rwiehom fil-pulmun, dawn id-diatomi jkunu jistghu jinfdu ghal gewwa il-gisem sakemm jaslu ghas-sistema ta' cirkulazzjoni tad-demm. Minn hawn id-demm ixerred dawn id-diatomi f'kull organu tal-gisem inkluz il-mudullum, il-kliwi u organi ohra." – rapport Dr. Victor Axiaq a fol.116

[8]The red-purple colouring of the skin surface which appears on dependent body parts after circulation has ceased and gravity pulls the now-stagnant blood to the lowest points of the body. The dark red-purple background may be punctuated with whitish areas, corresponding to areas on which the body was resting at the tim of death, which compress the blood vessels and prevent hypostasis in those areas. Postmortem hypostasis is due to the formation of oxyhaemoglobin at the expense of reduced haemoglobin - https://medical-dictionary

Illi allura dawn il-provi indizzjarji meta marbuta max-xiehda ta' Paul Micallef iwasslu għal konkluzjoni waħda u ċioe' illi l-vittma mietet konsegwenza ta' *overdose* ta' droga li ġiet injettata lilha minn Joseph Azzopardi, droga li Aġius kienet għadha kemm akkwistat minn għand l-appellant Lawrence Attard. Issa anke jekk *gratia argomenti* l-Qorti kellha temmen lill-appellant meta igħid li d-droga huwa kien isibha diġà fl-appartament ta' Filippa Chircop u li kienet Chircop u binha Simon li kienu jittraffikaw id-droga, madanakollu hija il-fehma tal-Qorti illli mill-provi li hemm fl-atti huwa indubitat illi f'dik il-lejla kien hu u ħadd aktar li għadda id-droga lil Aġius u lil Micallef. L-verżjoni mogħtija b'mod speċjali minn Paul Micallef baqgħet dejjem konsistenti dwar il-fattispeċje tal-kaz u l-Qorti tqies illli ma hemm l-ebda motiv li jemerġi mill-fatti probatorji li jivvulnera ix-xiehda ta' Micallef u li għalhekk jista' iwassalha sabiex tiskartaha u dan meta dan ix-xhud jafferma ghal aktar minn darba illi kien l-appellant li għaddielu d-droga u mhux Chircop, kif jikkontendi l-appellant. Fuq kollox l-Qorti tqies illi ix-xiehda tal-appellant ma hijiex ghal kollox kredibbli u dan għaliex għalkemm jiftakar diversi fatti li huma kkorroborati minn xhieda ohra, bhal per eżempju in-nies li kienet tiffrekwenta Agius, minn fejn kienet takkwista d-droga u anke kif din kienet tiġi lilha somministrata, imbagħad konvenjentement jiċħad li f'dik il-lejla fatali kien hu li għaddielha d-droga.

Dan ifisser illi l-akkuzi kollha miġjuba kontra l-appellant jirriżultaw ippruvati u cioe' li huwa ttraffika d-droga erojina li kienet fil-pussess tieghu lil Micallef u lil Agius u li din id-droga wasslet ghal mewt tal-imsemmija Agius biex b'hekk anke it-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tieghu tirriżulta ppruvata u dan meta l-appellant ben konxju tal-perikoli ghas-saħħa u għal ħajja li jġib miegħu it-teħid u abbuż tad-droga xortawaħda iddeċieda li jbigħ id-droga lil Aġius.

Ikkunsidrat:

Stabbilit kwindi illi tirriżulta r-reita' għall-imputazzjonijiet kollha addebitati lill-appellant jifdal biex il-Qorti tqies liema hi dik il-piena l-aktar idonja għaċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

Illi l-ewwel konsiderazzjonijiet li hija fuq ta' quddiem għal Qorti meta tiġi biex tikkalibra l-piena li għandha tiġi erogata f'dan il-każ, huma żewġ pronunzjamenti ġudizzjarji mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fejn ġie dikjarat għal darba darbtejn illi l-appellant sofra lezzjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq meta dan il-proċess penali stitwit fil-konfront tiegħu dam 'il fuq minn għoxrin sena biex jiġi konkluż. Tagħti din id-direzzjoni l-Qorti Kostituzzjonali meta titkellem fuq ir-rimedju li għandu jkun miftuħ għall-appellant f'każ ta' sejbien ta' ħtija:

> **Hu evidenti li wara t-talba għal referenza hemm il-ħsieb tal-appellat li ma jeħilx piena karċerarja. Pero` hi l-Qorti tal-Appell Kriminali li għandha tiddeċiedi dwar il-piena. Ovvjament m'hemm xejn x'iżomm lil dik il-Qorti milli tikkonsidra wkoll jekk is-snin twal li ilha pendenti l-kawża kriminali, għandux ikun ta' benefiċċju għal dik li hi piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Materja li taqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ġialadarba l-appell għadu pendenti. Fir-realta` bit-talba għal referenza r-rikorrent kompla jtawwal il-proċeduri kriminali bla bżonn, stante li l-Qorti tal-Appell Kriminali għandha l-atti quddiemha u faċilment tista' tiddetermina jekk wara s-sentenza tal-1 ta' Lulju 2004 il-proċeduri komplewx jitwalu bla bżonn mingħajr ebda ħtija tal-appellat, u fl-affermattiv jekk dak il-fatt jiġġustifikax tnaqqis ta' piena f'każ li tiġi konfermata l-ħtija tal-appellat tar-reati li nstab ħati li wettaq.**

Illi l-Qorti eżaminat l-*iter* processwali ta' din il-kawza u tqies illi ftit li xejn huwa mputabbli lill-appellant id-dewmien fil-proceduri. Illi l-Prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha fil-21 ta' Ġunju 2006 wara li x-xhieda Charles Debono u Joseph Azzopardi baqgħu jiddikjaraw li ma xtaqux jixhdu minħabba proċeduri pendenti kontra tagħhom. Dan wara diversi rinviji mill-Avukat Ġenerali li għal diversi snin baqa' jinsisti għal produzzjoni ta' dawn ix-xhieda meta l-proċeduri fil-konfront tagħhom kienu għadhom pendenti u li ukoll kienu qed jitkaxkru bil-mod tant illi b'verbal tat-30 ta' Settembru 2005, u ċioe' sitt snin wara li nbdew dawn il-proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni

ddikjarat illi fil-każ kontra x-xhud Charles Debono kien għad fadal ħames xhieda biex jiddeponu u f'dak kontra Joseph Azzopardi kien għad fadal żewġ xhieda oħra, b'dawn iż-żewġ kawżi jkunu għadhom fi stadju kumpilatorju. Kwindi fid-dawl ta' dan il-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghal produzzjoni ta' dawn iż-żewg xhieda, bl-Avukat Ġenerali sussegwentement joħroġ ir-rinviju għal ġudizzju u il-kontro-ordni fit-termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara dan isiru diversi seduti għal provi tad-difiża fejn l-appellant jidher mhux assistit minn avukat, u l-Qorti ħatret avukat tal-għajnuna legali li madanakollu ma setax jespleta l-inkarigu lilu mogħti sakemm fl-aħħar l-appellant ingaġġa avukat tal-fiduċja tiegħu.  Kien hemm seduti oħra imbagħad li ġew differiti fuq talba tal-Prosekuzzjoni jew b'ordni tal-qorti biex fl-aħħar fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2010 ddepona l-appellant, bil-kawza titħalla għat-trattazzjoni finali fis-seduta tat-08 ta'Mejju 2012 u wara li jiġu ppreżentati noti ta' sottomissjonijiet mill-partijiet tingħata s-sentenza finalment fil-05 ta' Novembru 2013 fejn l-appellant jiġi misjub ħati tal-akkużi lilu addebitati u kkundannat għal perijodu ta' sitt snin priġunerija u multa ta' €10000.

L-appell mill-appellant jiġi introdott quddiem din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta fl-14 ta Novembru 2013 u assenjat lil din il-Qorti, kif ippresjeduta fil-11 ta Jannar 2019 meta l-appell jiġi trattat u jitħalla ghas-sentenza, iżda peress illi l-Ewwel Qorti ndikata b'mod żbaljat l-ligi li fuqha kienet qed tiġi imsejsa il-ħtija, is-sentenza appellata ġiet dikjarata nulla u gie ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-każ sabiex finalment wara li l-Qorti semgħet trattazzjoni mill-ġdid fis-seduta tat-02 ta' Ottubru 2020, il-kawża tħalliet għas-sentenza finali għas-seduta ta' llum.

Illi allura l-Qorti, meta tiġi biex tikkalibra l-piena trid neċessarjament iżżomm quddiem għajnejha dawn il-fatti probatorji, iżda minn naħa l-oħra dan ma jistax jissarraf fin-nuqqas minn naħa tal-appellant illi jħallas għall-aġir inkriminatorju tiegħu li wassal sabiex persuna żagħżugħa tilfet ħajjitha. Illi l-Qorti hija prekluża milli timponi piena alternattiva ghal dik ta'l-inkarċerazzjoni ghalkemm jidher illi llum l-appellant irriforma ħajtu billi l-piena għar-reati dwar traffikar u pussess ta' droga hija waħda tassattiva ta'

priġunerija effettiva. Illi l-Qorti tqies ukoll illi l-appellant dam żmien twil miżmum taħt arrest preventiv fuq dan il-kaz, u dan meta tressaq bl-arrest quddiem il-Qorti Istruttorja fit-03 ta' Novembru 1999 u ġie mogħti il-ħelsien mill-arrest fil-15 ta' Frar 2001. Illi l-Qorti trid titratta mal-appellant bħala reċidiv fit-termini ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u dan meta gie misjub ħati b'diversi sentenzi tal-Qorti fejn huwa kien weħel il-piena ta' priġunerija. Il-Prosekuzzjoni fil-fatt teżebixxi tlett sentenzi mogħtija kollha mill-Qorti tal-Appell Kriminali datati 24 ta' Mejju 1995, 18 ta' Settembru 1996 u 12 ta' Settembru 1996.

Issa l-piena għar-reat ta' traffikar ta' droga hija dik ikkontemplata fl-artikolu 22(2)(b)(1) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta tal-priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87). Illi imbagħad għar-reat tal-qtil involontarju kif maħsub fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali il-Qorti trid tapplika l-piena kkontemplata fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat u ċioe' dik tal-priġunerija għal mhux aktar minn sentejn jew tal-multa ta' mhux iżjed minn elfejn lira Maltin, bil-piena tiżdied biss permezz ta'l-Att III tal-2002 għal dik tal-priġunerija ta' mhux aktar minn erba' snin u multa ta' ħamest elef lira Maltin fiż-żmien wara l-kummissjoni tar-reat. Il-Qorti għalhekk meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ hija tal-fehma illi għandha teroga il-piena viċin il-minimu sabiex b'hekk ikun ġie mogħti dak ir-rimedju xieraq għall-appellant li sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq, iżda li xorta waħda għandu jħallas għall-azzjonijiet kriminali tiegħu fejn persuna tilfet ħajjitha.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, wara li rat l-artikoli 22(1)(a)(1B), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, artikolu 17(b)(h), 31, 49, 50 u 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ssib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal perijodu ta' sentejn (2) priġunerija u multa ta' elf ewro (€1000), li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-appellant għamel taħt arrest preventiv. Wara li rat l-artikolu 533

tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-appellant iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €958.61.

(ft) Imhallfin

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur